# ARTISTI NAPLITANI JKOMPLU BIT-TRADIZZJONI TA’ SAN FRANGISK.




Fuq l-ispirazzjoni ta’ San Frangisk minn Assisi li juri lin-nies u jfakkarhom fit-twelid ta’ Gesu’ gewwa Betlem, artisti naplitani komplew fejn halla San Frangisk u bdew joholqu presepji u figuri biex izejnuhom. U din it-tradizzjoni ghaddiet minn generazzjoni ghal generazzjoni hekk li llum imbidlet f’negozju kbir u mfittex minn min huwa delettant tal-presepju.




Wiehed minn dawn il-bejjiegha, Daniele Gambardella ghandu negozju go Via San Gregorio li fih jbiegh figurini mahduma bl-idejn elaborati hafna. Ta 10 snin skopra xi presepji fil-hanut ta' missieru u wera' xewqa kbira li jisviluppa u jirfini l-hila u t-teknika tieghu matul is-snin.

## Xeni mill-hajja

Il-jiem li jwasslu ghall-festa tal-Kuncizzjoni fit-8 ta' Dicembru huwa zmien ta' hidma kbira ghall-artisti kollha go Via San Gregorju. Kull fejn titfa' harstek, hlief presepji u figurini ma tarax. Dawn l-artisti mhux presepi tradizzjonali jipproducu, izda figurini mill-hajja ta' kuljum

tal-hajja naplitana: furnarna fis-snajja taghhom, bejjiegha tal-hut etc.



Daniele jahdem ma’ artist iehor Pina Cafiero, biex flimkien jipproducu figurini tassew fini billi juzaw materjal differenti, bhal nghidu ahna terracotta, injam u sufra. Ix-xoghol taghhom huwa maghruf ghad-dettal u xoghol eccellenti. Pina ghandu l-fama li jahdem rghajja minjaturi ghad-daqs ta’ gholi ta’ centimetru kull rghajj.

Daniele huwa tal-fehma li l-ahjar jahdem il-figurini fi gruppi, mhollija jinxfu fil-berah u wara mqiegda go ifran biex jissudaw. U l-ahhar daqqiet isiru fil-hanut. Barra figurini tal-Mlied jahdmu ukoll figuri ohra bhalma huma players tal-futboll, u artisti tat-Tv u films.

It-teknologija flimkien ma’ l-ghodda jippermettulhom li jahdmu l-arti tal-presepju napletan fl-ghola livell. Il-presepju huwa aktar minn arti, huwa parti mill-wirt taljan. Huwa forma ta’ rakkont li jikkombina l-passat mal-hajja ta’ kuljum tal-bniedmin gejjin minn diversi setturi tal-hajja.